**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 t'April, 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 1579/00JR**

**Grima Communications Limited**

**vs**

**Herman Abela u b'digriet tal-10 ta' Novembru,2000 giet kjamata in kawza is-socjeta' The Bubble Bath Co Ltd**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u seba u hamsin lira Maltija u tnejn u disghin centezmi (Lm157.92c) bilanc dovut fuq pakkett ta' reklami li l-konvenut xtara fuq l-istazzjon Live FM. Minkejja diversi interpellazzjonijiet biex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti u b'hekk kellha ssir din il-kawza.**

**Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ippresentata fl-24 ta' Ottubru,2000 fejn intqal:**
**Illi preliminarjament Herman Abela mhux il-legittimu kontradittur peress li dejjem agixxa bhala direttur tas-socjeta' The Bubble Bath Co Ltd.**
**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma mitluba m'hijiex dovuta.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' kjamata in kawza prezentata fit-22 ta' Jannar 2001 li fiha ntqal li t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li s-somma pretiza mhijiex dovuta billi l-unici reklami li s-socjeta' konvenuta ordnat mis-socjeta' attrici gew imhallsa (kopja tal-ircevuta hawn annessa u markata bhala Dok A1 u A2).**

**Semgha x-xhieda ta' Joe Grima, Herman Abela,Elsie Curmi, Michael Zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' prezz ta' reklamar ordnati mill-konvenut u li xxandru fuq l-istazzjon tar-Radju Live FM.**

2. **Fl-ewwel lok jirrizulta li kien hemm ftehim. Dan kien bil-miktub u ffirmat mill-partijiet. Jirrizulta li l-konvenut kien qed jiffirma f'isem il-kumpanija The Bubble Bath Co. Ltd., li hija kjamata in kawza.**

3. **Skond l-imsemmi ftehim, esebit bhala Dok.A, hemm stipulat hekk:**

   > **"…Please accept this booking for our commercials under this scheme on LIVE FM from 19/3/98 to a run of 90 days from that date."**

4. **Il-ftehim jitkellem car. Ghalhekk ma jreggix dak li qed jsostni l-konvenut li r-reklami ma kellhomx isiru fuq tlett xhur konsekuttivi.**

5. **L-ammont li allegat li hallset is-socjeta` kjamata in kawza, fis-somma ta' mitt lira "deposit" u erbgha u erbghin lira maltija tmienja u erbghin centezmu (Lm44.48), fil-fatt jirrizulta li thallas skond l-istatement Dok.MZ1. In kwantu il-kuntratt kien ghall-tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) u minnhom thallsu mija erbgha u erbghin lira Maltija tmienja u erbghin centezmu (Lm144.48), u in kwantu is-servizz inghata skond il-ftehim , jibqa' l-bilanc ta' mija hamsa u hamsin lira maltija tnejn u hamsin centezmu (Lm155.52) u mhux l-ammont indikat fl-avviz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta pruvata fil-konfront tas-socjeta` kjamata in kawza, it-Tribunal filwaqt li jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' t-talba fil-konfront tas-socjeta` kjamata in kawza u jikkundanna lill-istess socjeta` kjamata-in-kawza thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija hamsa u hamsin lira maltija tnejn u hamsin centezmu (Lm155.52).**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` kjamata in kawza.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**